# KUNSILL LOKALI FGURA

126/128. KUNSILL LOKALI FGURA TRIQ IL-KARMNU, FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## MINUTI

## Laqgħa b' Urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

## Laqgħa Nru. 88/2019

Data: Il-Hamis 28 ta' Frar , 2019

Hin: 18:00hrs

Post: 126-128, 'Kunsill Lokali', Triq Hompesch, Il-Fgura

---

Preżenti: Sur Pierre Dalli - Sindku
Sur Ray Deguara - Viċi - Sindku
Sur Ryan Ellul - Kunsillier
Sur Mark Lombardo - Kunsillier
Sur Saviour Camilleri – Kunsillier
Sur Charles Bonello - Kunsillier

Sin Beverly Saliba -Segretarju Eżekuttiv

Skuzati: Sur Jesmond Zammit – Kunsillier
Sur Rene' Zammit- Kunsillier
Sur Mario Fava - Kunsillier

Assenti: Ħadd

---

### AĠENDA

### 88.1 TNEHHIJA TA' SKEDAR TAR-RAZZETT ĠO TRIQ HOMPESCH

Il-laqgħa bdiet fis-18:15hrs minħabba l-fatt li ma kienx hemm quorum.

Is-Sur Charles Bonello daħal fil-kamra fis-18:15 u bdiet il-laqgħa.

**88.1.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni 5114/19/7 "Wara li l-Kunsill Lokali ma ġiex infurmat li

r-razzett fi Triq Hompesch, il-Fgura ġie mneħħi mill-lista tal-iskedar, dan il-Kunsill qed joġġezjona bil-qawwa kollha kontra din id-deċizjoni meħuda mill-Planning Authority. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Fgura flimkien mal-Avukat tal-Kunsill, għandu jibda l-proċess sabiex jappella minn din id-deċiżjoni". Din kienet issekontata minn Dr R. Ellul.

Favur: Sindku, R Deguara, S Camilleri,M Lombardo, R Ellul u C Bonello.

Astenzjoni: Ħadd

Kontra: Ħadd

Il-mozzjoni ref: 5114/19/7 għaddiet b'sitt voti favur, bl-ebda astenzjoni jew vot kontra.

**88.1.2** Is-Sur M Lombardo staqsa jekk dan il-Kunsill kienx ikkonsultat dwar l-istess sit dwar it-tneħħija mill-Lista ta' Propjeta' Skedata. Is-Sur Lombardo żied jgħid li dan il-Kunsill ġie kkonsultat dwar dan is-sit fl-1995. Filfatt din kienet skedata fuq talba tal-Kunsill.

**88.1.3** Is-Sindku nforma l-kamra li fl-ebda ħin ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni jew Konsultazzjoni ma' dan il-Kunsill dwar it-tneħħija mill-Lista ta' Propjeta' Skedata fuq l-imsemmi sit.

**88.1.4** Is-Sur Camilleri qal li għandna ngħaddu l-protest tagħna lill-Planning Authority u wera ddiżapunt tiegħu għax dan il-Kunsill qatt ma kien mistieden biex jaqsam l-opinjoni tiegħu dwar it-tneħħija ta' dan is-sit mill-Lista ta' Propjeta' Skedata. Fakkar li dan ir-razzett u l-bini u l-area tal-madwar huwa l-unika razzett antik li fadal fil-Fgura.

**88.1.5** Dr Ryan Ellul daħal fil-kamra fis-18.25.

**88.1.6** Dr Ryan Ellul qal li din l-applikazzjoni għandha tiġi rivokata.

**88.1.7** Is-Sur C Bonello għamel referenza għad-dokument(Anness Dok A) paġna 2 punt 2 fejn 'Illi talba formali sabiex tiġi *de-scheduled* din il-propjeta ġiet preżentata permezz ta' ittra mill-Perit Paul Camilleri fid-19 t' Ottubru, 2009.

**88.1.8** Is-Sur C Bonello għamel referenza għad-dokument(Anness Dok A) paġna 2 punt 5 fejn 'Illi fil-laqgħa ta' 19 ta' Diċembru, 2011, il-Bord tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qabel li jirrakomanda lill-Ministru sabiex il-propjeta' in kwistjoni tiġi *de-scheduled*.

**88.1.9** Is-Sur C Bonello għamel referenza għad-dokument(Anness Dok A)paġna 2 punt 9 fejn 'Illi tali talba ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ezekuttiv tal-Awtorita' tal-Ippjanar fis-7 ta' Novembru, 2016 fejn ġiet miċħuda u l-iskedar konfermat. Il-laqgħa kienet fil-pubbliku fejn ġew mistiedna li jattendu kemm l-applikanti kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Fgura.

**88.1.20** Is-Sur C Bonello għamel referenza għall-imsemmija punti msemmija hawn fuq fejn fl-ebda ħin qatt ma saret talba għal *de-scheduling*.

**88.1.21** Is-Sur S Camilleri qal li dan il-Kunsill minn dejjem ipprotesta għal iskedar tagħha

u wieħed għandu jindaga kif ittieħdet din id-deċizjoni.

**88.1.22** Is-Sindku għamel referenza għall-introduzzjoni (Anness Dok A) fejn semma' li l-indirizzz imniżżel qed juri li jġib l-isem ta' triq differenti Triq L-Isponsun u mhux Triq Hompesch. Importanti li wieħed jara li qegħdin nirreferu għall-istess sit.
'

**88.1.23** Dr R Ellul qal li għandna nappellaw.

**88.1.24** Dr R Ellul qal li għad fadal 9 t'ijiem biex nappellaw fejn wieħed għandu jibqa jinsiti bħal ma dejjem għamel. Dan il-Kunsill qatt ma qabel li jsir żvillup tal-proġett u aktar u aktar dwar it-tneħħija mill-Lista ta' Propjeta' Skedata ta' dan l-istess sit.

**88.1.25** Is-Sur C Bonello staqsa jekk xi ħin dan il-Kunsill ġiex innotifikat b'xi mod. Is-Sindku tenna li ma rċevejna xejn.

**88.1.26** Is-Sur C Bonello żied jġħid li għandna nimxu skont il-mozzjoni u jekk le għandna niftħu kawza l-qorti.

**88.1.27** Is-Sur S Camilleri qal li dan il-Kunsill minn dejjem oġġezjona u dan qed juri li ma tawx kasna minkejja li tressqu diversi ittri fis-snin li għaddew.

**88.1.28** Is-Sur C Bonello qal li importanti noqogħodu attenti kif nagħmlu l-oġġezzjoni tagħna ma jmurx ikun hemm min jaħseb li dan is-sit ġie abbandunat mill-Gvern jew mill-istess Kunsill u għalhekk tinġib l-iskuża li għalhekk tawh il-permess.

**88.1.29** Is-Sur S Camilleri kompla jġħid li l-Kunsill għandu jibqa jaħdem biex il-Kunsill jakkiwista dan is-sit forsi wkoll japplika għal xi skema.

**88.1.30** Il-laqgħa ntemmet fis-18:40hrs.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| *Is-Sur Pierre Dalli* | *Sinjura Beverly Saliba* |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 28 ta' Frar, 2019